MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2011

Appell Kriminali Numru. 483/2010

**App. Nru. 483/2010 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Camilleri talli fid-19 ta’ Gunju 2010 ghall-habta ta’ 12.45 hrs gewwa r-residenza TRETINE, Triq Fortunat Dalli, Zurrieq, li hija r-residenza matrimonjali:

(1) ikkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ martu Salome Camilleri hekk kif iccertifikat Dr Rose Spiteri MD ta’ Floriana HC;

(2) fl-istess data, hin u cirkostanzi ohra ingurja u/jew hedded lil martu Salome Camilleri, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b’mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

(3) ikkaguna lil martu Salome Camilleri biza’ li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta` taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta` ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ htija tapplika l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u dang has-sigurta` ta’ Salome Camilleri;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-3 ta’ Novembru 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 221(1), 339(1)(e), 251B(1) u 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Joseph Camilleri hati u rabtitu b’garanzija tieghu nnifsu ai termini ta’ l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta favur Salome Camilleri taht penali ta’ hames mitt euro (€500);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Joseph Camilleri pprezentat fil-11 ta’ Novembru 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka, thassar u takkancella s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah mill-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-fedina penali aggornata ta’ l-imsemmi Joseph Camilleri esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni tal-Qorti;

Semghet ix-xiehda ta’ Salome Camilleri;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu ma jirrizultawx ippruvati sal-grad rikjest mil-ligi; (2) li, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, ir-reat addebitat permezz tat-tieni imputazzjoni ma jirrizultax peress illi ma jirrizultax *“course of conduct”*.

Dwar l-ewwel aggravju l-appellant, filwaqt illi jirreferi ghall-artikolu 638(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, jinsisti li f’dan il-kaz hemm konflitt ta’ provi u li l-verzjoni ta’ martu ma hix korroborata minn ebda prova. L-unika haga li l-appellant jaqbel maghha hi li hu u martu kellhom argument li kellu l-bidu tieghu fl-10.00 a.m. Del resto jichad li hu ghamlilha xi offizi u heddidha.

Certament, kif jipprovdi l-imsemmi artikolu 638(2), ix-xiehda ta’ xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, *“mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f’kaz ta’ konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f’hiex ser temmnu jew ma temmnux”*[1]

Din il-Qorti semghet mill-gdid ix-xiehda ta’ Salome` Camilleri, mart l-appellant. L-appellant, li kien xehed quddiem l-ewwel Qorti, ghazel li ma jixhidx quddiem din il-Qorti. Issa, mix-xiehda ta’ Salome` Camilleri jirrizulta illi wara l-argument li, skond hi, kompla fis-1.00 p.m. hija marret taghmel rapport l-ghassa minhabba xi vjolenza li qalet li ntuzat fuqha mill-appellant. Wara marret ic-Centru tas-Sahha tal-Floriana fejn giet ezaminata mit-tabiba Dr. Rose Mary Spiteri u li rrilaxxjat certifikat mediku.[2] L-appellant jargumenta li l-ilmenti ta’ ugigh ma setghux jigu

---

[1] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police v. Graham Charles Ducker**, 19 ta’ Mejju 1957.

[2] Ara certifikat a fol. 6 u affidavit a fol. 8.

konstatati mit-tabiba, li l-marka deskritta bhala *“erythema”* setghet giet kawzata minn diversi fatturi differenti, li ghalkemm martu allegat li kien qabadha minn xagharha u dawwarha ma’ l-art u qalaghlha troffa minn xagharha, ma kien hemm ebda hmura fil-gilda tal-qurriegha tar-ras, u li ma gewx konstatati marki li jissostanzjaw l-allegazzjoni li kien tefaghha ma’ l-art.

L-ewwelnett jigi rimarkat li din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni biex ma temminx dak li xehdet Salome` Camilleri dwar l-agir ta’ l-appellant fil-konfront taghha. Ma ssib l-ebda raguni ma temminx illi kellhom argument filghodu, waqfu jargumentaw, imbaghad rega’ nqabad argument fis-1.00 p.m. Inoltre din il-Qorti tghid illi c-certifikat mediku jikkorrobora l-fatt illi Salome` Camilleri garrbet offizi ta’ natura hafifa li taghhom kien, kif hija xehdet, responsabbli l-appellant. Ma taqbilx ma’ l-appellant illi ezami kliniku ma jistax iwassal it-tabib li jkun qieghed jezamina pazjent li jezisti ugigh. Barra minn hekk mic-certifikat jirrizulta li t-tabiba Spiteri kkonstatat li kien hemm xaghar maqlugh. Salome` Camilleri ma tispjegax kif saritilha l-marka fuq il-polz. Izda anke jekk ma tirrizultax il-kawza tal-marka hamra fuq il-polz, xorta hemm prova sufficjenti li l-appellant ikkawza offiza ta’ natura hafifa lil martu meta qalaghlha troffa xaghar. Inoltre din il-Qorti hi sodisfatta li jirrizultaw l-ingurji u theddid kif gie akkuzat permezz tat-tieni imputazzjoni.

Kwantu ghat-tieni aggravju li jirrigwarda s-sejbien ta’ htija tat-tielet imputazzjoni, fid-dawl ta’ gurisprudenza kostanti dwar is-sinjifikat ta’ “imgieba” (*“course of conduct”* fit-test Ingliz ta’ l-artikolu 251B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta), l-appellant ghandu ragun. F’dar-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza citata mill-appellant stess **Il-Pulizija v. Raymond Parnis** moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-24 ta’ April 2009. Barra minn hekk, fil-gurnata tad-19 ta’ Gunju 2010 vjolenza giet effettivament uzata fuq Salome` Camilleri, u ma kinitx aktar kwistjoni ta’ biza’ li ser tintuza tali vjolenza.

Kwantu ghall-piena, l-ewwel Qorti rabtet lill-appellant b'obbligazzjoni ghas-sigurta` ta' Salome` Camilleri a tenur ta' l-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tara l-ebda raguni biex tiddisturba d-decuzjoni ta' l-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tielet imputazzjoni u minnha tilliberah, u tikkonfermaha fil-bqija, b'dan li l-perijodu ta' sena li fih l-obbligazzjoni taht l-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jibqa' fis-sehh jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------